



▼B▼C1**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 936/2006****tat-23 ta' Ġunju 2006****dwar il-ftuħ tas-sejħa għall-offerti għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-qamħ komuni lejn ċerti pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti tas-swieq fiċ-ċereali, għandha ssir sejħa għall-offerti għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-qamħ komuni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 li jstabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali <sup>(2)</sup>.
- (2) Ir-regoli tal-proċedura tal-offerti li għandhom jiġu segwiti għall-iffissar tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1501/95. Ir-rekwiżiti skont dik il-proċedura jinkludu obbligu għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni u s-sottomissjoni ta' garanzija. Ir-rata ta' dik il-garanzija għandha tiġi stabbilita.
- (3) Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' validità tal-liċenzji maħruġin fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-offerti. Dak il-perjodu ta' validità għandu jkun proporzjonat mar-rekwiżiti tas-suq dinji għas-sena tas-suq 2006/2007.
- (4) Sabiex jiġi żgurat trattament indaqs għall-partijiet kollha, il-liċenzji kollha maħruġin għandu jkollhom l-istess perjodu ta' validità.
- (5) Sabiex ma titħalliex isseħħ l-importazzjoni mill-ġdid, l-esportazzjonijiet skont din is-sejħa għall-offerti għandhom ikunu llimitati għal ċerti pajjiżi terzi.
- (6) It-tħaddim sodisfaċenti tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti għall-esportazzjonijiet jitlob li tiġi stipulata kwantità minima, u li jiġu stabbiliti l-iskadenza u l-mezz tat-trażmissjoni tal-offerti sottomessi għand l-awtorità kompetenti.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

<sup>(2)</sup> ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).

▼ C1*Artikolu 1*

1. B'dan qed tinftaħ is-sejħa għall-offerti għar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95.

▼ M1

2. Is-sejħa għat-tender tkopri l-qamħ komuni li ser jiġi esportat lejn pajjiżi terzi, ħliel għall-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Liechtenstein, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, tas-Serbja u tal-Montenegro <sup>(1)</sup> u ta' l-Iżvizzera.

▼ C1

3. Is-sejħa għall-offerti ser tibqa' miftuħa sat-28 ta' Ġunju 2007. Matul dak il-perjodu, għandhom isiru għotjiet kull ġimgħa. Il-kwantitajiet u d-dati għas-sottomissjoni tal-offerti għandhom jiġu stipulati fl-avviż tas-sejħa għall-offerti.

Minkejja l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-offerti għall-ewwel sejħa parzjali għall-offerti għandha tkun is-6 ta' Lulju 2006.

*Artikolu 2*

Biex offerta tkun valida trid tkun tkopri tal-anqas 1 000 tunnellata.

*Artikolu 3*

Il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 għandu tkun ta' 12-il EUR għal kull tunnellata.

*Artikolu 4*

1. Minkejja l-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 <sup>(2)</sup>, il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1501/95 għandhom, għall-iffissar tal-perjodu tal-validità tagħhom, jitqiesu bħala maħruġin dakinhar li tintefa' l-offerta.

2. Il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġin skont is-sejħa għall-offerti pprovduta f'dan ir-Regolament għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom fis-sens tal-paragrafu 1 sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, l-offerti sottomessi sa mhux aktar tard minn siegħa u nofs wara l-iskadenza tal-perjodu għas-sottomissjoni tal-offerti ta' kull ġimgħa, kif stipulat fl-avviż tas-sejħa għall-offerti, permezz tal-formola stipulata fl-Anness.

F'każ li ma jkun hemm l-ebda offerta, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-iskadenza msemmija fl-ewwel paragrafu.

Il-ħinijiet stipulati għas-sottomissjoni tal-offerti għandhom jikkorrispondu mal-ħin Belġjan.

<sup>(1)</sup> Inkluż il-Kosovo, hekk kif definit mir-Riżoluzzjoni Nru 1244 tal-Kunsill tas-sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' 1-10 ta' Ġunju 1999.

<sup>(2)</sup> ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7).

▼ C1

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ C1

## ANNEX

**Għoti ta' kull ġimgħa tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-qamħ komuni lejn  
ċerti pajjiżi terzi**

Formola (\*)

(Ir-Regolament (KE) Nru 936/2006)

(Skadenza għas-sottomissjoni tal-offerti)

1	2	3
In-numerazzjoni tal-offerenti	Il-kwantità (f'tunnellati)	Ir-rata tar-rifużjoni għall-esportazzjoni (f'EUR għal kull tunnellata)
1		
2		
3		
eċċ.		

(\*) Għandha tintbagħat lid-DĠ AGRI (l-Unità D.2).